Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 17 ta' Novembru 2023**
**(OR. en)**

**15637/23**
**ADD 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0403(NLE)**

**POLCOM 278**
**FDI 32**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 17 ta' Novembru 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 708 final - ANNEX |
| Suġġett: | ANNESS tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt tas-CETA stabbilit skont il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8.10, l-Anness 8-A, l-Artikolu 8.9.1 u l-Artikolu 8.39.3 tas-CETA f'konformità mal-Artikolu 26.1.5(e) tas-CETA |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 708 final - ANNEX.

---

Mehmuż: COM(2023) 708 final - ANNEX

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.11.2023
COM(2023) 708 final

ANNEX

**ANNESS**

**tal-**

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt tas-CETA stabbilit skont il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8.10, l-Anness 8-A, l-Artikolu 8.9.1 u l-Artikolu 8.39.3 tas-CETA f'konformità mal-Artikolu 26.1.5(e) tas-CETA**

**HEMŻA**

Abbozz

**DEĊIŻJONI Nru […/…] TAL-KUMITAT KONĠUNT TAS-CETA**

**ta' [data]**

**dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8.10, l-Anness 8-A, l-Artikolu 8.9.1 u l-Artikolu 8.39.3**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAS-CETA,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 26.1.5(e) tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (Comprehensive Economic and Trade Agreement, CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 2/2021 tal-Kumitat Konġunt tas-CETA tad-29 ta' Jannar 2021,

Filwaqt li jfakkar fil-fehim komuni espress fit-Taqsima 6 tal-Istrument Interpretattiv Konġunt,

Bl-għan li jiġu ċċarati aktar l-intenzjonijiet tal-Partijiet skont il-Kapitolu 8, fir-rigward tal-Artikolu 8.10 (Trattament ġust u ekwu) u l-Anness 8-A (Esproprjazzjoni indiretta), l-Artikolu 8.9.1 (Investiment u miżuri regolatorji) u l-Artikolu 8.39.3 (Għoti finali)

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1. <u>Trattament ġust u ekwu</u>

Għal ċertezza akbar, l-Artikolu 8.10 għandu jiġi interpretat kif ġej:

(a) Il-lista ta' elementi fl-Artikolu 8.10.2 hija eżawrjenti;

(b) Pretensjoni ta' ċaħda ta' ġustizzja skont l-Artikolu 8.10.2(a) tirrikjedi eżawriment minn qabel tar-rimedji lokali ħlief jekk ma jkun hemm l-ebda rimedju lokali raġonevolment disponibbli biex jiġi pprovdut rimedju effettiv, jew ir-rimedji lokali ma jipprovdu l-ebda possibbiltà raġonevoli ta' tali rimedju.

Fid-determinazzjoni ta' jekk hemmx ċaħda ta' ġustizzja, it-Tribunal jenħtieġ li jkun konxju li mhuwiex qorti tal-appell tad-deċiżjonijiet tal-qrati domestiċi u jenħtieġ li ma jwettaqx stħarriġ tal-merti tad-deċiżjonijiet tal-qrati domestiċi.

(c) Sabiex ikun hemm ksur ta' ċaħda ta' ġustizzja u ksur fundamentali ta' proċess ġust skont it-tifsira tal-Artikolu 8.10.2(a) u (b), irid ikun hemm imġiba proċedurali mhux xierqa u flagranti fi proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi, li ma tissodisfax l-istandards bażiċi aċċettati internazzjonalment ta' amministrazzjoni tal-ġustizzja u ta' proċess ġust, u li tissorprendi sens ta' kondotta ġudizzjarja xierqa bħar-rifjut bla bażi ta' aċċess għall-qrati jew rappreżentanza legali, in-nuqqas ta' għoti ta' opportunità għal smigħ, trattament diskriminatorju mill-qrati, aġġudikaturi b'mod ċar preġudikati u korrotti, nuqqas sħiħ jew mhux ġustifikabbli ta' trasparenza fil-proċedimenti bħal nuqqas ta' notifika għall-proċedimenti jew raġunijiet għad-deċiżjoni.

(d) Miżura tkun manifestament arbitrarja skont it-tifsira tal-Artikolu 8.10.2(c) meta jkun evidenti li l-miżura ma tkunx marbuta b'mod razzjonali ma' objettiv leġittimu ta'

politika, bħal meta miżura tkun ibbażata fuq preġudizzju aktar milli fuq raġuni jew fatt.

(e) Għal ċertezza akbar, miżura jew serje ta' miżuri jikkostitwixxu "diskriminazzjoni mmirata għal raġunijiet manifestament żbaljati bħall-ġeneru, ir-razza jew it-twemmin reliġjuż" skont it-tifsira tal-Artikolu 8.10.2(d) jekk il-miżura jew is-serje ta' miżuri jindividwaw lill-investitur fl-għoti ta' trattament differenzjali bbażat fuq raġunijiet illeġittimi bħall-ġeneru, ir-razza jew it-twemmin reliġjuż. L-Artikolu 8.10.2(d) ma għandux jiġi interpretat bħala li jwaqqaf lill-Partijiet milli jagħtu trattament preferenzjali biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jew razzjali jew inkella jindirizzaw is-sottorappreżentanza ta' gruppi soċjoekonomikament żvantaġġati.

(f) Determinazzjoni li miżura jew serje ta' miżuri jikkostitwixxu "trattament abbużiv tal-investituri, bħal koerċizzjoni, forza u fastidju" skont it-tifsira tal-Artikolu 8.10.2(e), teħtieġ sejba ta' mġiba ħażina serja minn Parti. Meta ssir din id-determinazzjoni, kunsiderazzjonijiet rilevanti jistgħu jinkludu l-ħsara jew il-ħsara mhedda lill-investitur bħal jekk l-episodji ta' allegat fastidju jew koerċizzjoni ġewx ripetuti u sostnuti; u r-raġunament għall-azzjonijiet tal-Parti, pereżempju jekk l-awtoritajiet kinux qed jaġixxu fl-ambitu tal-awtorità tagħhom jew jekk kienx hemm abbuż ta' poter.

(g) Skont l-Artikolu 8.10.4, rappreżentazzjonijiet magħmula lil investitur jistgħu jitqiesu biss sa fejn ikunu rilevanti bħala fattur fid-determinazzjoni ta' ksur ta' trattament ġust u ekwu kif stabbilit fl-Artikolu 8.10.2. Aspettattivi leġittimi ma jistgħux jirriżultaw minn rappreżentazzjonijiet jekk investitur prudenti u infurmat ma kienx jiddependi b'mod raġonevoli fuq ir-rappreżentazzjonijiet biex jagħmel l-investiment, b'mod partikolari minħabba li r-rappreżentazzjonijiet ma kinux speċifiċi u mhux ambigwi biżżejjed u ma kellhomx il-grad meħtieġ ta' formalità bħal dawk magħmula bil-miktub mill-awtorità kompetenti ta' Parti.

2. Esproprjazzjoni indiretta

(h) Għal ċertezza akbar, esproprjazzjoni indiretta tista' sseħħ biss jekk l-investitur ikun ġie radikalment imċaħħad mill-użu, mit-tgawdija u mid-disponiment tal-investiment tiegħu, daqslikieku d-drittijiet relatati miegħu ma baqgħux jeżistu.

(i) Meta jiġi vvalutat it-"tul ta' żmien tal-miżura jew tas-serje ta' miżuri" skont it-tifsira tal-Paragrafu 2 b) tal-Anness 8-A, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat jekk l-interferenza mad-dritt ta' proprjetà hijiex temporanja, f'liema każ mhux probabbli li tammonta għal esproprjazzjoni indiretta, jew permanenti, għalkemm il-fatt waħdu li miżura tkun permanenti ma jistabbilixxix li tkun seħħet esproprjazzjoni indiretta.

(j) L-"aspettattivi distinti u raġonevoli appoġġati mill-investiment" fil-paragrafu 2 c) tal-Anness 8-A, jirreferu għall-aspettattivi li investitur prudenti u infurmat seta' raġonevolment ifforma u li kienu invokati fit-twettiq tal-investiment. Għal ċertezza akbar, jekk l-aspettattivi appoġġati mill-investiment ta' investitur humiex raġonevoli jiddependi, sa fejn ikun rilevanti, fuq fatturi bħal jekk il-gvern ipprovdiex lill-investitur b'assigurazzjonijiet bil-miktub vinkolanti u n-natura u l-firxa tar-regolamentazzjoni governattiva jew il-potenzjal għal regolamentazzjoni governattiva fis-settur rilevanti.

(k) L-impatt ta' miżura jew serje ta' miżuri jidher "manifestament eċċessiv" skont it-tifsira tal-Paragrafu 3 tal-Anness 8-A jekk ikun b'mod ċar u ovvju eċċessiv fid-dawl tal-objettivi ta' politika maħsuba.

(l) Għal ċertezza akbar, il-miżuri ta' Parti li huma mfassla u applikati biex jipproteġu l-objettivi leġittimi tal-benessri pubbliku fil-paragrafu 3 tal-Anness 8-A jinkludu miżuri meħuda sabiex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima jew jiġu indirizzati l-konsegwenzi preżenti jew futuri tiegħu. Tali miżuri ma jikkostitwixxux esproprjazzjoni indiretta sakemm ma jkunux eċċessivi b'mod ċar u ovvju fid-dawl tal-objettivi ta' politika maħsuba.

3. Tibdil fil-Klima

(m) Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid id-dritt tagħhom li jirregolaw fl-interess pubbliku sabiex jiksbu objettivi leġittimi ta' politika pubblika sabiex jipproteġu l-ambjent kif stabbilit fl-Artikolu 8.9.1, inkluż billi jieħdu miżuri sabiex itaffu jew jikkumbattu t-tibdil fil-klima jew sabiex jindirizzaw il-konsegwenzi preżenti jew futuri tiegħu.

(n) Meta jinterpreta d-dispożizzjonijiet tal-kapitolu dwar l-Investiment, it-Tribunal għandu jqis kif xieraq l-impenji tal-Partijiet skont ftehimiet ambjentali multilaterali, inkluż il-Ftehim ta' Pariġi. B'mod partikolari, id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-Kapitolu 8 jenħtieġ li jiġu interpretati b'mod li jappoġġa l-kapaċità tal-Partijiet li jagħtu effett lill-impenji rispettivi tagħhom biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra billi jadottaw jew iżommu miżuri mfassla u applikati biex itaffu t-tibdil fil-klima jew jindirizzaw il-konsegwenzi preżenti jew futuri tiegħu.

4. Ħarsien tal-interessi essenzjali tas-sigurtà

Il-partijiet jaffermaw mill-ġdid li, skont l-Artikolu 28.6 tas-CETA, xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat li jipprevjeni lill-Kanada u lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha milli jieħdu azzjoni li kwalunkwe Parti tqis neċessarja sabiex tipproteġi l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha fi żmien ta' gwerra jew emerġenza oħra fir-relazzjonijiet internazzjonali, inkluż kwalunkwe miżura li taffettwa lill-investituri jew l-investimenti tagħhom.

5. Ħarsien tad-drittijiet fundamentali

Għal aktar ċertezza, id-dritt tal-Partijiet li jirregolaw biex jiksbu objettivi leġittimi ta' politika pubblika, kif imsemmi fl-Artikolu 8.9.1 tas-CETA, jinkludi miżuri meħuda għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem li saret f'Pariġi fl-10 ta' Diċembru 1948.

6. Kalkolu tad-danni monetarji li jirriżultaw mill-pretensjonijiet tal-investituri

Għal aktar ċertezza, danni monetarji skont l-Artikolu 8.39.3,

(o) ma għandhomx ikunu akbar mit-telf jew ħsara mġarrba mill-investitur, jew, kif applikabbli, mill-intrapriża stabbilita lokalment, kif ivvalutat fid-data tal-ksur;

(p) għandhom jirriflettu biss telf jew ħsara mġarrba minħabba l-ksur jew li jirriżultaw minnu; kif ukoll

(q) għandhom jiġu ddeterminati b'ċertezza raġonevoli, u ma għandhomx ikunu spekulattivi jew ipotetiċi.

It-Tribunal għandu jikkalkula d-danni monetarji abbażi biss tas-sottomissjonijiet tal-partijiet litiganti, u għandu jikkunsidra, kif applikabbli:

(r) ħtija kontributorja, kemm jekk intenzjonata kif ukoll jekk b'negliġenza;

(s) nuqqas ta' mitigazzjoni jew prevenzjoni tad-danni;

(t) danni minn qabel jew kumpens riċevut għall-istess telf inkluż kumpens riċevut taħt skema ta' kumpens domestiku; jew

(u) restituzzjoni ta' proprjetà, jew tħassir jew modifika tal-miżura.

Magħmul fi …, ….

Għall-Kumitat Konġunt tas-CETA

Il-Kopresidenti